Inħarsu l-patrimonju artistiku fil-knisja tagħna

# Approvati seba' proġetti ta' restawr b'għajnuna mill-Unjoni Ewropea

**Fis-sentejn li ġejjin, se jitwettqu seba' interventi ta' restawr ta' wirt artistiku li l-parroċċa tagħna għandha. Ix-xogħol se jkun possibbli li jsir wara xhur ta' konsultazzjoni, tħejjijiet u xogħol amministrattiv li wassal biex f'Mejju li għadda l-parroċċa ġiet infurmata li bbenefikat minn fondi tal-Unjoni Ewropea għal dan il-għan. Il-Perit DAVID VASSALLO jagħti tagħrif dwar dawn l-opri ta' arti u patrimonju u jispjega l-interventi ta' restawr li ser isiru.**

Ħad-Dingli hi waħda mill-15-il parroċċa f'Malta li bbenefikaw minn għajnuna finanzjarja mill-Unjoni Ewropea biex jitwettqu proġetti ta' konservazzjoni, protezzjoni u promozzjoni tal-patrimonju kulturali ekkleżjastiku. Fl-għażla tal-proġetti, il-parroċċa riedet iżomm f'moħħha li dak li se tipproponi jilħaq dawn l-għanijiet. Fix-xhur li għaddew, il-parroċċa tagħna studjat sew l-interventi meħtieġa fuq il-patrimonju li għandha u identifikat il-proġetti li tixtieq li għalihom tibbenefika minn fondi Ewropej. Dawn tressqu f'applikazzjoni ma' dawk ta' parroċċi oħra u l-arkivju tal-Kurja mill-Fondazzjoni għall-Wirt Kulturali tal-Knisja f'Malta. Il-konferma lill-parroċċi ngħatat uffiċjalment nhar it-8 ta' Mejju 2018 mis-Segretarju Parlamentari għall-Fondi tal-Unjoni Ewropea, Dr Aaron Farrugia, liċ-chairman tal-fondazzjoni, is-Sur Michael Pace Ross. Għall-proġetti li tressqu mill-15-il parroċċa u l-arkivju tal-Kurja ġew approvati €2.2 miljun f'fondi mill-Unjoni Ewropea.

Fil-każ tal-parroċċa tagħna, il-proġetti approvati huma seba' u jinvolvu r-restawr ta' dan il-patrimonju:

- l-istatwa ta' San Ġwann il-Battista;
- il-kwadri tal-Via Sagra;
- in-niċċa tal-Madonna tar-Rużarju;
- il-pedestall tal-istatwa tar-Rużarju;
- it-titular tal-altar tal-Madonna tar-Rużarju;
- il-kwadru li juri l-għerusija tal-Madonna u Ġużeppi, u
- l-kwadru b'rappreżentazzjoni taż-żjara tas-Slaten Maġi.

Dan il-proġett hu wieħed ta' kofinanzjament fejn 80 fil-mija tal-ispejjeż se jitħallsu mill-Unjoni Ewropea filwaqt li l-20 fil-mija l-oħra jridu jitħallsu mill-parroċċa. Is-sejħiet għall-offerti għal dawn l-interventi se jinħarġu dalwaqt.

**L-istatwa ta' San Ġwann il-Battista**

Din hija skultura fl-injam li aktarx saret fil-perjodu medjevali u li turi lil San Ġwann Battista bilwieqfa, liebes libsa mill-ġlud ta' annimal tad-deżert – aktarx ġemel – u marbuta b'ħabel ma' qaddu, b'ħaruf (is-simbolu ta' Ġesu Kristu bħala l-Ħaruf t'Alla) f'idejh tax-xellug u b'bastun fl-id l-oħra. Fin-naħa t'isfel wieħed isib arma li tixbah lil dik tal-Gran Mastru Villiers de l'Isle Adam. Taħt iż-żebgħa skura li biha hi miżbugħa l-istatwa llum, jidhru partijiet mikxufa li juru li fiż-żmien din l-istatwa kienet miżbugħa b'kuluri varji u indurata.

Din l-istatwa għandha fattizzi li juru li hija skultura tal-perjodu gotiku tardiv. Mhux magħruf fejn saret għalkemm minħabba assoċjazzjoni storika wieħed jista' jikkonkludi li possibilment saret fi Franza jew fl-Italja.



Jidher li din l-istatwa nġiebet Malta fis-seklu sittax mill-Kavallieri ta' San Ġwann u jista' jkun li din kienet fil-kappella tal-Gran Caracca Sant'Anna (1522-1548) tal-istess Ordni, possibilment bħala oġġett sagru ta' devozzjoni/kult. Fl-1684, il-Prijur tal-Knisja Konventwali tal-Ordni, Fra Pierre Vianny, irregala din l-istatwa flimkien ma' oħra ta' San Ġakbu lill-Grotta ta' San Pawl fir-Rabat. Fil-fatt, fil-kotba tal-istess Grotta nsibu li fit-8 ta' Lulju 1684, żewġt irġiel tħallsu 6 tarí talli ġarrew dawn l-istatwi mill-Belt Valletta għar-Rabat. Ftit tas-snin wara din l-istatwa ġiet trasferita lill-parroċċa ġdida, li twaqqfet ftit qabel, f'Ħad-Dingli. Illum il-ġurnata din l-istatwa tinsab fis-sagristija tal-knisja parrokkjali tagħna u hija meqjusa bħala l-uniku eżempju tat-tip tagħha ta' skultura polikroma fl-injam tal-perjodu gotiku tardiv li teżisti f'pajjiżna.

Hu evidenti li matul is-snin saru diversi interventi ta' restawr fuq din l-istatwa, għalkemm ftit li xejn jeżistu dokumenti. L-aħħar intervent jidher li kien dak li sar mill-artist u restawratur Oscar Testa (1909-1979) li madwar ħamsin sena ilu applikalha trattament għal kontra l-insetti.

Fl-intervent li hu propost li jsir, minbarra restawr fuq barra tal-istatwa se jsir xogħol ukoll fuq l-istruttura tal-injam tagħha li ma tinstabx fi stat tajjeb.

**Il-kwadri tal-Via Sagra**




Is-sett ta' erbatax-il kwadru tal-Via Sagra aktarx tpitter lejn nofs is-seklu tmintax u għalhekk probabilment kienu saru għall-knisja li kien hemm qabel dik preżenti.

Ftit tas-snin ilu kienu ġew restawrati l-pittura u l-kwadru tal-ewwel stazzjon mill-kumpanija *Atelier del Restauro*.

Jekk wieħed jagħti ħarsa lejn it-tlettax-il kwadru l-ieħor jara li l-pitturi għandhom diversi qsim u anke partijiet fejn hemm iż-żebgħa nieqsa, liema ħsara tiġi kkawżata b'ċaqliq fil-kanvas li jsir l-iktar minħabba bdil fit-temperatura u umdità. Jidher ukoll li maż-żmien, il-kisja ta' verniċ għaddiet minn proċess ta' ossidazzjoni li minħabba fih il-verniċ jisfar u allura jinbidlu l-kuluri oriġinali tal-pittura.

Hu evidenti wkoll li hemm bżonn jissaħħu l-istrutturi tal-kwadri, isir trattament tal-injam għal kontra l-insetti, jiġu rtukkati l-partijiet fejn hemm xi ħsara fl-injam u fil-kisja tal-ġibs, titneħħa ż-żebgħa tal-porporina li kienet ġiet applikata maż-żmien, kif ukoll jerġgħu jinkixfu l-iskrizzjonijiet oriġinali.

**In-niċċa tal-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju**

Dawk midħla tal-Parroċċa tagħna jafu bl-intervent kbir ta' restawr li sar ftit tas-snin ilu fuq in-niċċa tal-istatwa titulari biex reġgħet inkixfet il-pittura li kien hemm fuq il-ħitan tal-istess niċċa. Ritratti meħudin qrib is-sena 1980 juru kif anke n-niċċa tal-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju, li tinsab pariġġ dik ta' Santa Marija, kienet impittra bl-istess mod – teknika magħrufa bħala *trompe-l'oeil* fejn id-disinn ikun magħmul b'mod li jixbah skultura dekorattiva u għalhekk f'dan is-sens 'iqarraq bl-għajnejn' għaliex joħloq illużjoni ottika ta' xi ħaġa tridimensjonali.

Sfortunatament, fil-bidu tas-snin tmenin dan id-disinn tgħatta b'żewġ saffi ta' żebgħa u li taħthom għadu jeżisti dan id-disinn oriġinali.

L-intervent li jrid isir huwa li jiġu kkonsolidati (imwaħħla) dawk il-partijiet taż-żebgħa li qed jinqalgħu, titneħħa ż-żebgħa li kienet ġiet applikata u jsir proċess ta' konservazzjoni u restawr li jerġa' joħroġ is-sbuħija ta' din il-pittura fuq il-ħajt.



**Il-pedestall tal-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju**

Il-pedestall li fuqu se jsir intervent ta' restawr huwa dak li fuqu tinsab l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju u li jinsab fl-istess niċċa li fuqha tkellimna iktar qabel f'dan l-artiklu. Dan huwa pedestall mill-isbaħ magħmul fl-injam u indurat bid-deheb. Matul is-snin, kemm biż-żmien kif ukoll bl-użu, dan sofra diversi ħsarat fosthom qsim fl-injam, partijiet mill-injam li qed jinqalgħu, partijiet mill-induratura li spiċċat kif ukoll tbajja' kkawżati minn qtar tax-xemgħa li sa ftit tas-snin ilu kienu jinxtegħlu fuq il-bradella tal-istess statwa.

**Il-kwadru tal-Madonna tar-Rużarju**

Il-pittura tal-Madonna tar-Rużarju li tinstab fuq l-artal fil-kappellun iddedikat lilha huwa meqjus bħala wieħed mill-aħjar xogħlijiet ta' arti li għandna fil-knisja tagħna. F'nofs il-kwadru wieħed jista' jara lill-Madonna liebsa libsa ħamra (simbolu tal-umanità tagħha) u mant blu (li jissimbolizzaha bħala Omm Alla), bilqiegħda bit-tfajjel Ġesù f'ħoġorha filwaqt li qed jippreżentaw kuruna tar-rużarju lil San Duminku u Santa Katerina ta' Siena li jinsabu għarkupptejhom fuq iż-żewġ naħat. Madwar il-Madonna wieħed jista' jara numru ta' anġli filwaqt li n-naħa t'isfel wieħed isib l-arma tal-familji Inguanez-Testaferrata li jindika li dan il-kwadru kien ikkummissjonat minnhom. Tajjeb jingħad li dawn il-familji kienu s-sidien ta' ħafna artijiet fl-inħawi ta' Ħad-Dingli.



Għalkemm ma teżisti ebda dokumentazzjoni li turi meta u minn min saret din il-pittura, il-kompożizzjoni u l-istil tagħha huma tipiċi tal-istili tal-pitturi tas-seklu 18 u huwa evidenti li din saret għall-knisja l-antika tar-raħal. Infatti, lejn nofs is-seklu 20, l-artist u restawratur Oscar Testa kien tqabbad jestendi din il-pittura biex tiġi taqbel mal-kwadru tal-ġebel li kien sar fil-knisja l-ġdida li kien għadha kemm tlestiet ftit tas-snin qabel.

Filwaqt li jidher li m'hemm ebda problema fil-kanvas, wieħed jista' jinnota li l-pittura fiha diversi xquq u għalhekk irid isir intervent fejn iż-żebgħa tiġi kkonsolidata, issir rikostruzzjoni tal-partijiet (l-iktar fil-mant tal-Madonna) li huma deterjorati u jitneħħa l-verniċ li biż-żmien sfar u allura bidel il-kuluri oriġinali tal-pittura.

**Il-kwadru li juri l-għerusija tal-Madonna u San Ġużepp**



Din il-pittura b'żebgħa taż-żejt fuq it-tila turi ż-żwieġ bejn San Ġużepp u l-Madonna u tinsab mal-ħajt tal-lemin tal-kor tal-knisja parrokkjali. Il-pittura fiha ħdax-il figura bl-attenzjoni kollha tkun fuq il-figuri ċentrali fejn San Ġużepp jidher qed ilibbes ċurkett – simbolu taż-żwieġ – f'subgħajn il-Madonna.

Dan il-kwadru tpitter fil-bidu tas-seklu 17, u l-firma fuq in-naħa t'isfel turi li dan sar mill-artist Portugiż Manuel Pereira (m. 1693). L-arma tal-familja Inguanez ħdejn il-figura tal-Madonna tissuġġerixxi li dan il-kwadru kien ikkummissjonat minn din il-familja nobbli.

Għal ħafna snin dan il-kwadru kien jinżamm fil-kappella ta' Santa Marija Maddalena fuq l-irdum fejn possibilment ġarrab ħsarat meta din il-kappella ntlaqtet b'sajjetta fl-1936. Fl-1982 imbagħad ġie rrestawrat u ttrasferit lejn il-knisja parrokkjali.

Il-kwadru ma jidhirx li fih ħsarat strutturali, possibilment minħabba l-intervent li sar fl-1982. Madankollu, jidher li hemm ksur fis-saff taż-żebgħa mal-pittura kollha, possibilment ikkawżata biż-żmien u bil-bdil fil-kundizzjonijiet ambjentali. Jidher ukoll li parti fuq in-naħa t'isfel kif ukoll l-uċuħ tal-Madonna u San Ġużepp saru mill-ġdid wara l-ħsara li kien ġarrab. Kif għedna fuq kwadri oħra, dan ukoll kien inkesa bil-verniċ li maż-żmien sfar u biddel il-kuluri oriġinali tal-pittura. Għalhekk, il-proċess ta' restawr għandu jservi biex joħroġ mill-ġdid il-kuluri oriġinali tal-pittura kif saru mill-artist Manuel Pereira.

**Il-kwadru li juri ż-żjara tas-Slaten Maġi**



Din il-pittura, ukoll b'żebgħa taż-żejt fuq it-tila u li tinsab mal-ħajt tax-xellug fil-kor tal-knisja parrokkjali (faċċata tal-kwadru ta' Pereira), turi l-Adorazzjoni tas-Slaten Maġi wara t-twelid ta' Ġesù. Il-Madonna tidher iżżomm lil Ġesù tarbija f'ħoġorha filwaqt li San Ġużepp jidher warajha jħares lejn it-tliet Slaten Maġi. Ġesù b'id waħda qed jipponta subgħajh lejn il-Maġi filwaqt li bl-oħra qed iberikhom, filwaqt li huma qed jippreżentawlu r-rigali ta' deheb, inċens u mirra. Fuq wara jidhru xi rġiel fuq iż-żwiemel. L-artist poġġa din ix-xena b'mod artistiku f'tempju klassiku.

Anke f'dan il-kwadru, fuq in-naħa t'isfel, wieħed isib l-arma tal-familja Inguanez. Bħall-kwadru l-ieħor, dan kien għal ħafna snin fil-kappella ta' Santa Marija Maddalena imma fortunatament ġarrab ħafna inqas ħsara. Però jidher li dan il-kwadru ġie mċekken biex jiġi daqs dak li juri l-Għerusija tal-Madonna u San Ġużepp peress li dawn tpoġġew pariġġ xulxin.

Il-kundizzjoni ta' dan il-kwadru hija simili għal dak ta' qablu u l-istess tip ta' interventi ta' restawr huma ppjanati għaż-żewġ opri.

Fuq nota separata, f'Lulju 2017 inħareġ il-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar biex isiru numru ta' interventi ta' manutenzjoni u restawr fuq il-binja tal-Knisja Parrokkjali minn barra. Peress li l-knisja ta' Ħad-Dingli llum il-ġurnata hija nkluża fl-Inventarju Nazzjonali tal-Proprjetà Kulturali tal-Gżejjer Maltin, il-proċess tal-permessi kien jeħtieġ li ssir konsultazzjoni mas-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali li tat ukoll l-approvazzjoni għal dan ix-xogħol.



L-interventi jikkonsistu fil-

- bdil tas-salib eżistenti – magħmul mill-franka bi struttura tal-konkos u ħadid – li hemm fuq il-frontispizju fil-faċċata tal-knisja għal wieħed b'disinn identiku magħmul minn ġebel tal-qawwi/żonqor. Dan hu intervent simili għal dawk li saru ftit tas-snin ilu fuq il-kampnari u l-koppletti fejn diversi elementi magħmula minn franka u konkos inbidlu ma' oħrajn magħmula minn ġebel iktar b'saħħtu.
- manutenzjoni tal-opramorta mad-dawra tal-bejt il-kbir.
- manutenzjoni/restawr tal-ħajt l-antik fuq in-naħa ta' wara tal-knisja.

Hu ppjanat li dawn l-interventi jsiru fuq numru ta' snin.

# *ĦBIEB TAL-ASSUNTA*

## *Inizjattiva bl-iskop li nkomplu nkabbru l-festa*

**TIEĦU SEHEM BILLI TOFFRI**
**€2.50 jew €4.75 fix-xahar b'risq il-festa**

- Biex tieħu sehem kellem lill-Arċipriet jew lil xi membru tal-Kumitat Festa Esterna.
- Fl-aħħar tas-sena jittella' premju sabiħ fost dawk kollha li jkunu qed jipparteċipaw.
- L-iskema tiġġedded wara sena volontarjament.

Waqt li nirringrazzjaw lil dawk kollha li għoġobhom jidħlu membri f'din l-iskema, inħeġġu oħrajn biex jagħtu sehemhom biex inkomplu nsebbħu l-festa titulari f'ġieħ Ommna Marija Mtellgħa s-Sema.